# I L - M A L T I

QARI LI TOHROĠ — SETTEMBRU - DIĊEMBRU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1965


# IR-RABA' CENTINARJU TA' L-ASSEDJU IL-KBIR

*Is-Sultan Suleyman il-Manjifiku xtaq li jagħlaq il-karriera glorjuża tiegħu billi jeqred l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann u jżid mar-rebħiet tiegħu. Dak is-sultan kburi u valoruż kien saħħaħ l-Imperu Tork li nfirex mit-truf ta' l-Indja sad-Danubju, mill-Bosfru sa Ġibiltà. Malta kellha tkun il-fulkru mnejn il-qawwiet kollha ta' l-Affrika ta' Fuq kellhom jagħmlu saħħithom biex iġarrfu s-saltniet Insara tal-Ewropa t'Isfel.*

*Biex iwettaq il-fehma tiegħu Suleyman ġabar waħda mill-akbar armati li qatt dehru fil-Mediterran u bagħatha taħbat għal Malta. Il-flotta dehret fuq ix-xefaq tal-Gżira tagħna nhar il-ġimgħa, it-18 ta' Mejju 1565, u l-armata żbarkat fit-22 ta' dak ix-xahar.*

*Wara erba' xhur ta' taqbid mill-eħrex, ta' taqtigħ bla ħniena, ta' tbatija u ta' erojiżmu miż-żewġ naħiet, dak li kien baqa' mill-armata Torka fit-8 ta' Settembru, nhar il-Vittorja, irtirat minn Malta u l-Ġeneral Mustafà raġa' lura tellief u mriegħex f'Kostantinopli fejn qala' ċanfira qalila mill-Gran Sinjur.*

*L-Assedju l-Kbir ta' Malta sofra telfa kbira għall-Imperu Tork. Dik it-telfa għamlet għajb kbir lil Suleyman u naqqsitlu mhux ftit mill-prestiġju li kien igawdi fost is-Suvrani ta' imparu, iżda fl-istess ħin dik it-telfa tat kolp lill-Imperu Tork, kolp li kellu konsegwenzi kbar. Minn dik it-telfa bdew jitrażżnu l-qawwiet ta' Suleyman; l-egħdewwa tiegħu bdew jerfgħu rashom, ix-xorti bdiet tħallih, l-Imperu Tork beda sejjer lura u baqa' sakemm tilef l-eġemonija tiegħu. L-Ewropa ħelset mill-periklu Mislem li kien qiegħed jagħfas fuqha*

*Fl-Assedju l-Kbir il-qawwa tat-Torok kienet preponderanti, huma kienu mhejjin tajjeb, ma kien jonqoshom xejn, kellhom Ġene-*

*rali mħarrġin u magħrufa għall-ħila, filwaqt li La Valette u l-Kavalieri tiegħu kienu ftit fil-għadd, u s-suldati li kellhom, l-aktar Maltin, kienu bilkemm ilaħħqu wieħed għal kull erba' Torok. It-Torok kienu minn fuq u skond ir-reguli tal-gwerra huma kellhom joħorġu rebbiħin. Madankollu l-Assedju spiċċa b'rebħa kbira ta' l-Insara.*

*Dik ir-rebħa tal-għaġeb kienet il-frott ta' ħila u erojiżmu li bħalhom id-dinja ftit rat. Il-Kavalieri kienu valorużi, imma l-Maltin urew kuraġġ ta' ljun u ssakrifikaw kulma kellhom. Huma ma kinux imqanqlin minn xewqat ta' ġieh jew regħba, imma kienu mmexxijin minn ħsieb wieħed u minn fehma waħda: li jikkumbattu għar-rebħa tal-Fidi Nisranija u għal dik li-fehma taw ġidhom u taw ħajjithom. Sakemm il-Fidi Nisranija tibqa' ssaltan f'Malta, ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir tibqa' mfakkra bil-għożża u bil-kburija.*

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

## TAD-DAR TAL-GĦAQDA

**IR-RUZARJU** — Novembru-Diċembru, 1965 — Vol. XVII Nr. 6.
Minn għand l-Editur. P. Val. Barbara, O.P, Jannar/Frar, 1966 Vol. ZXIII. Nr. 1.

**DANTE ALIGHIERI** — Studju Partikulari ta' Robert Mifsud Bonnici, 1965. Minn għand l-Awtur.

**EPISTOLARJU ROMANTIKU** — Poeżiji ta' G. Curmi. Miġjubin bil-Malti minn Ġużè Chetcuti. 1965. Minn għand it-Traduttur.

**IS-SEGRIET TAL-ĠONNA** — Komm. K. Vella Haber. — Minn għand l-Awtur.

**THE YOUNG LISTENER** — October, 1965. School Broadcasting Magazine.

**BROWN BOOK** — Wasland Criminals in West Germany. — Germanic Democratic Republic.